# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office -** Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
e.mail : **birgu.lc@gov.mt** website : **www.birgu.gov.mt**


25 ta' Lulju, 2012

# Minuti tal-laqgha 05(06)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal laqgha numru 05(06) fl-ufficini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar il-Hamis 12 ta' Lulju, 2012 fis-6:30 ta' filghaxija.

## Prezenti

Il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi, is-sur Anton Gellel, Kunsillier, u s-Sur Lawrence Attard, Kunsillier.

Is-Sindku s-Sur John Boxall nghaqad ghal laqgha fi 6:45 ta' filghaxijia, filwaqt li l-kunsillier Alan Cassar nghaqqad ghal laqgha fi 19:15 ta' filghaxija.

## Talba.

Il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.

## 1. Qari u Approvazjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgha 04(06), ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.3 (04/06) L-Assocjazzjoni Walled Towns Friendship Circle

Is-Segretarja Ezekuttiva nfurmat lil Kunsilliera li l-WTFC nfurmat lil Kunsill Lokali tal-Birgu li l-ammont dovut ghal partecipazzjoni ghal Laqgha Generali Annwali ta' din l-assocjazzjoni li ser issir bejn d-19 u t-23 ta' Settembru, 2012, gewwa Gmund fl-Awstrija, huwa ta € 450 liema ammont ikopri, l-akkomodazzjoni kif ukoll il-partecipazzjoni ghal din il-konferenza. Il-Vici Sindku, s- Sur Trevor Mizzi, fakkar li ghal din il-konferenza ser jattendi il-Kunsillier Lawrence Attard

1.2 Item 1.13 (04/06) Gemellag mal-Port ta' St. Tropez

Il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi, pprezenta ittra ta' ringrazzjament li s-Sindku s-Sur John Boxall, bghat lis-Sindku ta' St. Tropez ghal ospita li hu flimkien mal-Kunsillier Anton Gellel, inghataw waqt iz-zjara taghhom fil-Belt ta' St. Tropez fi Franza. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jibda l-preparamenti kollha mehtiega u anke jistieden lis-Sindku tal-Belt ta' St. Tropez, biex fi 19 t'Ottubru, 2012, issir l-ffirmar ghal ftehim ta' gemellag bejn il-port ta' St. Tropez u l-Belt tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 Item 1.4 (04/06) Sitwazzjoni tat-tindif fil-Birgu.

Is-Sindku tah rendikont tas-sitwazzjoni prezenti tat-tindif fil-lokalita tal-Birgu, u ghal darb'ohra rega' sostna li l-Kunsill mhux kuntent bis-servizz mghoti min-naha tal-kumpanija prezenti. Is-Sur John Boxall, Sindku, zied jghid li l-Kunsill ghandu jahseb biex johrog tender wiehed, li jkun ikopri, l-knis u t-tindif fil-lokalia, l-gbir ta' skart domestiku u anke l-gbir ta' skart goff. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.4 Item 1.6(04/06) Talba mil-Patrijiet Dumnikani

Is-Sindku, s-Sur John Boxall pprezenta ittra mibghuta lis-Sur George Vella, Segretarju tal-Kumitat ghall-Ismijiet tat-toroq, fejn l-Kunsill talab biex parti min Triq il-Palazz ta' l-Isqof, l-parti t'isfel, li tigi ezattament faccata tal-Knisja iddedikata lil Madonna tal-Lunzjata, tigi mibdula u tinghata l-isem ta' "Triq il-Madonna tal-Lunzjata". Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ghadu minghajr risposta.

1.5 Item 1.9 (04/06) Sotto-Kumitat maghmul mil-ghaqdiet tal-lokal.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li kull ghaqda bghatet l-isem tar-rapprezentat sabiex ikun membru fis-sotto-kumitat maghmul mil-ghaqdiet tal-lokal. Dawn huma Komunita Dumnikana – Pirjol Fr. Frank Borg , Caritas Social Club ghall-Anzjani - Sinjura Anna Pisani, Azzjoni Kattolika - Nisa – Sinjura M'Anne Demarco, Historical & Cultural Society - Sur Anton Attard, Ghaqda Zghazagh Dumnikani – Sur Mario Bartolo, Socjeta Banda Muzikali San Lawrenz – Sur Lawrence V. Farrugia , Ghaqda tan-Nar, 10 t'Awwissu - Sur Salvu Attard, Centru Laburista Birgu - Sur Emanuel Attard, Kumitat Festi Esterni San Duminku – Sur Paul Farrugia, Ghaqda Filarmonika Prince of Wales Own – Sur Vincent Borg, Azzjoni Kattolika – Rgiel – Sur Joseph Micallef, Vittoriosa Bocci Club – Sur Franco Muscat , Volontiera Armar tal-Knisja – Sur Karmenu Scicluna , Kazin Partit Nazzjonalista – Sur Anton Gellel, Ghaqda Zghazagh Palmizi – Sur Christian Raggio, Kumitat Festi Esterni San Lawrenz – Sur Christian Raggio, Kummissjoni Gimgha l-Kbira – Sur Lawrence Parascandolo, Delfini Ferrieha – Sur Carmen Scicluna ,Kunsill Skolastiku - Skola Primarja Santu Rokku-Sur Victor Agius, Vittoriosa Regatta Club –Sur Franco Scicluna, Kapitlu tal-Knisja Kolleggata ta' San Lawrenz – Arcipriet Fr. Joe Cilia, Kunsill Parrokjali -Sur Charles Gauci, Vittoriosa Stars Youth Nursery – Sur Andrew Bugeja, Vittoriosa Stars FC – Sur Lawrence Seychell u Vittoriosa Lightings – Sur Mark Spacey

1.6 Item 1.12 (04/06) Taghrif dwar is-sitwazzjoni fi Triq San Lawrenz.

Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta mil-Perit responsabli mix-xogholijiet fi Triq San Lawrenz. Hawnhekk, il-Kunsillier Anton Gellel, informa lil kunsilliera prezenti li hu ntaqa' mal-Perit David Vassallo, Direttur fi hdan it-Transport Malta, u nfurmah li hija decizjoni tal-Kunsill li din it-Triq issir jew biz-zonqor jew inkella b'*imprint*. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex din it-triq issir b'*imprint* u ssugerixxa li l-Kunsill jinforma bid-decizjoni lit-Transport Malta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 Item 2.3(04/06) Uzu taz-zona ta' Couvre Porte ghal attivitajiet bhala tigijiet, *parties kbar*,ricevimenti etc..

Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jirrevedi l-kuntratt ghal uzu ta' Couvre Porte. Is-Sur Boxall, ssugerixxa li l-Kunsill jitlob donazzjoni ta' € 1000 minflok dik ta' € 800 ghal uzu ta' din iz-zona. Barra min hekk, is-Sindku ssugerixxa li kull min jikri din iz-zona ghandu jiehu hsien il-facilitajiet sanitarji, kif ukoll, li partiti politici jigu esklussi mili jhallsu din id-donazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.8 Item 2.4(04/06) Il-Progett W.O.M.E.N

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-progett W.O.M.E.N, taht il-programm ESF, liema progett ser ikun jiffoka fuq il-partecipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xoghol gie sottomess.

1.9 Item 2.7 (04/06) Prezentazzjoni tar-risposta ghal *management letter* ghas-sena 2011

Is-Sindku pprezenta ghal l-approvazzjoni tal-Kunsill ir-risposta ghal management letter ghas-sena ghal 2011. Wara diskussjoni, s-sur John Boxall, Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din ir-risposta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.10 Item 2.18 (04/06) Il-progett GREENSLAND

Is-Sindku s-sur John Boxall, qal li wara li l-Kunsill wera x-xewqa li jissieheb fil-progett "GREENSLAND" gie mistieden sabiex jissieheb fil "GreenCities network", assocjazzjoni li qed tahdem ghal ambjent ahjar fl-Ewropa. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jissieheb f'din l-assocjazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.11 Item 2.20 (04/06) Mappa Turistika ghal Birgu.

Il-Kunsillier Anton Gellel, qal li hu ddiskuta dan il-progett mad-disinjatur is-Sur Melvin Degiorgio, fejn dan is-Sinjur ghandu jibghat xi kwotazzjonijiet ghal l-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.12 Item 2.21 (04/06) Suggeriment mis-Socjeta Storika Kulturali Vittoriosa – Il-Mina tal-Belt Vittoriosa

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li l-Kunsill bghat it-talba tieghu lil Kumitat ghal Ismiijet tat-toroq, sabiex jinghata l-isem ta' "Il-Mina tal-Belt Vittoriosa" lil mina l-gdida li regghet giet mibnija fid-dhul ta' din il-Belt.

1.13 Item 2.29 (04/06) Sejha ghal xoghol ta' skrivan/a ghal progettit ta' l-Unjoni Ewropea fuq bazi part-time

Is-Sur John Boxall, Sindku, ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu, johloq bord ta' l-ghazla ghal dan il-post vakanti. Wara diskussjoni, s-Sindku nnomina li dan il-bord ikun maghmul, mis-Sur Paul Bezzina, mis-sur Melvin Attard u mis-Sur Bjorn Callus. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.14 Item 3 (04/06) Holqien ta' fond finanzjarju ghal residenti bi bzonnijiet specjali.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li saret laqgha ma' l-Avukata tal-Kunsill, Dr. Alexandra Mizzi, sabiex issir l-istatut ghal dan il-fond finanzjaru ghal residenti bi bzonnijiet specjali.

1.15 Item 7 (04/06) Taghrif dwar il-progett "SECRET"

Is-Sindku s-sur John Boxall, tah rendikont tal-konferenza tal-progett "SECRET" li saretbejn it-28 u t-30 ta' Gunju, 2012 gewwa Volos fi Grecja, li attendew ghalija, hu flimkien mas-Sinjura Moira Azzopardi, skrivana li hija responsabli min dan il-progett. Is-Sindku spjega lil Kunsilliera l-ammont dovut mil-Belt ta' Volos ghal partecipazzjoni tal-Belt tal-Birgu f'dan il-progett u pprezenta korrispondenza mibghuta lis-Sur Manos Vougioukas, l-ko-ordinatur ta' dan il-progett. Is-sindku qal li l-ammont dovut huwa ta' € 13,455.10, izda f'diskussjoni li hu kellhu mal-koordinatur ta' dan il-progett, il-kunsill gie offrut € 9,000 u is-sur Vougioukas, qal lis-Sur Boxall, "tkun kuntent b'dan l-ammont?!". Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Kunsill irid l-ammont dovut lilu jigifieri € 13,455.10. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.16 Item 8 (04/06) Taghrif dwar il-progett taht is-sejha "Youth in Action" iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea.

Is-Sindku qal li sfortunatament l-progett ta' "Youth Exchange" taht il-programm "Youth in Action" pprezentat mil-Kunsill Lokali tal-Birgu, sfortunatament ma giex accetat. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill qieghed jahdem mal-EUPA biex jerga' jissotometti dan il-progett f'Ottubru, 2012. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.17 Item 9 (04/06) Pubblikazzjoni ta' ktieb interattiv fuq il-Belt tal-Birgu.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta kopja tal-pubblikazzjoni tal-ktieb interattiv fuq il-Belt tal-Birgu, ghal l-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni s-Sur Alan Cassar, kunsillier, issugerixxa li t-tnediha ta' dan il-ktieb issir f'Jum il-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 2. Korrispondenza

2.1 Ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Anthony Cassar

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li s-Sur Anthony Cassar, Chairman tal-kumpanija "Cassar Ship Repair Ltd." tah bhala donazzjoni lil Kunsill Lokali tal-Birgu biex f'nofs l-entrata ewlenija ta' din il-binja storika ssir stemma tal-Birgu ta' l-irham. Is-Sindku qal li l-prezz totali ta' din l-istemma huwa ta' € 2242. Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Anthony Cassar ghal dan il-gest.

2.2 Kwotazzjonijiet ghal *Business Cards USb Sticks.*

Is-Sindku pprezenta tlett kwotazzjoijiet ghal 100 *business cards usb sticks*, dik tal-kumpanija Clear Print Malta, ghal prezz ta' €820.10, dik tal-kumpanija Playcraft, ghal prezz ta' €664.34 u dik tal-kumpanija Ingliza USB promo, ghal prezz ta' € 487.34, liema kwotazzjoni ma tinkludix l-*printing* kif ukoll d-*delivery cost* biex dan il-prodott jingieb Malta. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li l-Kunsill ghandu jaghzel l-offerta tal-kumpanija Playcraft. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.3 Kwotazzjoni ghal *air-condition* ghal ufficju amministrattiv il-gdid gewwa l-Berga ta' Franza.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-kunsill qieghed jircievi kwotazzjonijiet ghal *air-condition* ghall-ufficju amministrattiv il-gdid gewwa l-Berga ta' Franza. Wara diskussjoni, l-kunsilliera prezenti bi qbil unanimu taw l-fakulta lis-Sindku u lis-Segretarja Ezekuttiva, biex jaghzlu l-irhas offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Kwotazzjoni ghal hjata tal-bnadar tal-Belt tal-Birgu.

Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand is-sinjura Carmen Amaira, ghal hjata ta' bandiera ta' 18 feet bi 12 feet ghal prezz ta' € 275, kif ukoll bandiera ta' 22 feet bi 15 feet ghal prezz ta' € 340. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova dawn il-kwotazzjonijiet u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2. 5 Memo 26/2012 – Car Free day

Is-Sindku pprezenta kopja tal-Memo 26/2012 mahruga mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali sabiex dawk il-Kunsilli kollha interessati japplikaw sabiex fis-16 ta' Settembru, 2012, isiru attivitajiet fil-lokalita fl-okazzjoni tal-*Car Free Day 2012.* Is-Sindku s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Kunsill japplika ghal din l-iskema u jorganizza attivita il-Hadd 16 ta' Settembru, 2012. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Talba mil-Universita ta' Malta

Is-Sindku pprezenta talba mil-Universita ta' Malta, sabiex il-kunsill jaghti permess lil din l-entita biex bejn il-5 u l-10 ta' Novembru, titella' attivita f'Misrah ir-Rebha, l-attivita ta' "Skopri l-Universita fit-Tlett Ibliet". Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Il-progett "Create. Connect. Play"

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess li jissieheb fil-progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, taht il-programm Culture, liema progett ser jiffoka fuq instituzzjonijiet kulturali li jiehdu hsieb il-promozzjoni u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali.

2.8 Progett iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea taht il- pogramm *Priority Axis 6 – Urban Regeneration and Improving the Quality of life*

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu mal-MEUSAC biex japplika ghal progetti iffinanzjati mil-Unjoni Ewropea taht il-programm "Priority Axis 6 – Urban Rgeneration and Improving the Quality of Life".

2.9 Amont dovut mil-kumpanija "Re-Coop"

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li sal-llum l-ammont dovut mil-kumpanija "re-coop" ghax-xogholijiet ta' tabelli u sinjali li kellhom isiru minghajr ma kien mahsub fil-Birgu inkonessjoni max-xogholijiet ta' restawr tal-bini tal-mina kien ta' € 1,123.68, sal-llum ghadhom ma thallsux.

2.10 Kumitat ghar-rijabilitazzjoni tal-Kottonera

Ittra mil-Ministru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, l-Onor George Pullicino, fejn talab lil Kunsill jinnomina persuna biex jirraprezenta lil Kunsill fil-Kumitat ghar-rijabilitazzjoni tal-Kottonera. Wara diskussjoni, l-Kunsill bi qbil unanimu qabel li s-Sindku s-Sur John Boxall, ghandu jkun ir-rapprezentant tal-Kunsill Lokali tal-Birgu f'dan il-kumitat, u s-sostitut tieghu jkun s-Sur Anton Gellel.

2.11 Skema ta' parkegg riservat ghar-residenti fil-Belt tal-Birgu

Is-Sindku nforma lil Kunslliera li t-talba tal-Kunsill biex jizdiedu t-toroq taht l-iskema ta' parkegg riservat ghar-residenti fil-Belt tal-Birgu, ma gietx approvata mil-Awtorita ta' Transport. Is-Sindku qal li din id-decizjoni m'ghandix tigi accettata u pprezenta korrispondeza mibghuta lil din l-Awtorita dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.12 Sitwazzjoni tat-tindif fit-toroq tal-Birgu

Is-Sindku, s-sur John Boxall, qal li wara li saret spezzjoni tat-toroq mis-Segretarja Ezekuttiva, flimkien mal-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel u s-Sur Lawrence Attard, nharget *default notice* fil-konfront tas-Sur Melchiore Dimech, direttur tal-kumpanija Dimbros Ltd. Din id-*default notice* giet sosnuta permezz ta' ritratti mehudha, u giet anke mibghuta lil bord tal-governanza. Is-Sindku pprezenta talba minghand is-Sur Melchiore Dimech sabiex il-Kunsill johrog ittra ta' referenza fil-konfront tal-kumpanija Dimbros Ltd. Bi qbil unanimu l-kunsilliera prezenti qablu li l-istess Kunsill ma jista' qatt johrog ittra ta' referenza meta nhargu diversi *default notices* fil-konfront ta' din il-kumpanija.

Hawnhekk, is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-kunsill ser jitlob kwtazzjonijiet ghal servizz *extra* ghal zmien il-Festa ta' San Lawrenz u anke dik ta' San Duminku. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Talba mil-Kumitat Festi Esterni San Duminku bie jigi sparat nhar ta' l-ajru miz-zona maghrufa bhala tal-Glaziz, limit ital-Hawli

Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghti l-permess mehtieg ghal hruq ta' nar ta' l-ajru fil-granet tal-festa ta' San Duminku, miz-zona maghrufa bhala tal-glaziz limiti tal-hawli. Is-Sindku ssugerixxa li dan il-permess jinghata sakemm issiru x-xogholijiet f'din iz-zona kif ukoll li f'kaz li jsiru xi hsarat f'din iz-zona, l-kumitat festi esterni san duminku jkun responsabli. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Kwotazzjoni ghal *Fridge* ghal librerija regjonali fil-Birgu.
Il-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu sabiex jaghtu il-fakulta lis-Segretarja Ezekuttiva flimkien mas-Sindku, biex jaghzlu l-irhas kwotazzjoni ghal *fridge* ghal librerija regjonali fil-Birgu.

## 3. Zjara tal-Kardinal Prospero Grech

Il-Kunsillier Anton Gellel tah rendikont ta' l-attivitajiet relatati maz-zjara ta' l-Eminenza Tieghu l-Kardinal Prospero Grech. Is-Sindku s-sur John Boxall, zied jghid li l-Premju ta' Gieh Jum il-Birgu, din is-sena ser jinghata lil Kardinal Prospero Grech, u peress li sfortunatament ma jistax jattendi ghal l-attivitajiet ta' Jum il-Birgu, dan il-premju ser jinghata fil-Festa ta' San Lawrenz, ezattament wara l-quddiesa pontifikali ta' San Lawrenz, il-Gimgha 10 t'Awissu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 4. Jum il-Birgu, 2012

Is-Sindku tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghal l-attivita ta' Jum il-Birgu, 2012. Wara diskussjoni gie deciz bi qbil unanimu, li l-ftuh ta' l-ufficini amministrattivi tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-Berga ta' Franza, ghandhom isiru f'Jum il-Birgu jigifieri fi 7 ta' Settembru, 2012. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 5. BirguFest 2012

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru ghal l-attivita tal-BirguFest 2012, li ser ssir bejn id-19 u l-20 t'Ottubru, 2012. Is-Sindku heggeg lil Kunsilliera sabiex jattendu ghat-tielet laqgha tas-sottokumitat ta' din l-attivita li ser issr fi 17 ta' Lulju, 2012 fi 6 ta' filghaxija.

## 6. Il-Kumitat tar-Regjun Xlokk

Is-Sur John Boxall, Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsillier Lawrence Attard, ikun ir-rapprezentant tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-kumitat tar-Regjun Xlokk. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Hawnhekk is-Sindku nforma lil kunsilliera li il-kumitat tar-regjun xlokk talab l-opinjoni tal-kunsill dwar is-servizz ta' l-ECO Wardens, s-Sur John Boxall, ipprezenta l-opinjoni tal-Kunsill kif ukoll l-hinjiet li qieghed jissugerixxi ghal dan is-servizz. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 7. Attivita ta' Scuba Diving

Il-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi ssugerixxa sabiex il-Kunsill bil-kollaborazzjoni ta' Assocjazzjoni ATLAM jorganizza attivita ta' scuba diving. Il-Vici Sindku qal li l-prezz ghal kull *dive* tkun ta' € 20 u kull persuna tinzel ma' *instructor* certifikat. Is-Sindku s-Sur John Boxall, ssekonda li din l-attivita ssir u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. Wirja gewwa l-Berga ta' Franza is-Sur Andrew Bugeja

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jinforma lis-sur Andrew Bugeja, li din l-attivita ser tkun difficli biex tigi organizzata ghal zmien ta' Jum il-Birgu, peress li fl-istess zmien

il-kunsill ser jaghmel il-ftuh ufficjali ta’ l-ufficini amministrattivi f’din i-binja. Is-Sindku qal li jkun ahjar jekk din l-esebizzjoni issir f’data ohra. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 9. Is-sitwazzjoni tat-toroq fil-Birgu.

Is-Sur John Boxall, Sindku tah informazzjoni lil kunsilliera prezenti dwar is-sitwazzjoni tat-toroq fil-Birgu u nforma lil kunsilliera li Triq il-Kardinal Fabrizio Sciberras, ser taghmel parti mix-xogholijiet taz-zona tal-Collachio.

## 10. Installazjoni tas-sistema ta’ l-aircondition fil-Berga ta’ Franza

Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu qieghed fil-process li johrog sejha ghal offerti ghal l-installazjoni tas-sistema ta’ l-aircondition fil-Berga ta’ Franza. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 11. Affarijiet Ohra

### 11.1 Dustbins fil-lokalita

Il-Kunsillier Anton Gellel issugerixxa sabiex il-lokalita tal-Birgu jitwahhlu aktar *dustbins.* Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghmel kuntatt mas-sinjura Liz Aquilina fi hdan l-MTA. Dwar dan kien hemm qbil unanimu

### 11.2 Lista ta’ pagamenti.

Is-Sindku pprezenta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta’ pagamenti dovuti mill-Kunsill. Is-Sindku ssuggerixxa sabiex din il-lista tigi approvata. Is-Sur Anton Gellel, Kunsillier, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

### 11.2 Triq Wenzu Dyer

Il-Kunsillier Anton Gellel gibed l-attenzjoni sabiex l-fili tat-triq Wenzu Dyer, jiddawru bir-ramel u siment, peress li fiha hafna xquq. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-Laqgha ntemmet fi 9:30 ta’ filghaxija.

| | |
|---|---|
| Christine Bonello<br>Segretarja Ezekuttiva | ikkonfermati John Boxall<br>Sindku |